

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq ksur ta' rekwiżiti proċedurali, peress li l-Parlament ma tax lir-rikorrenzi l-oportunità li jikkumentaw dwar l-irregolaritajiet ikkonstatati.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-istat tad-dritt, sa fejn:

— il-kontribuzzjonijiet in natura huma metodu regolari ta' finanzjament;

— ir-rikorrenzi sofra trattament diskriminatorju tal-baġit tagħha meta mqabbla mal-partiti politiċi Ewropej l-oħra;

— id-dritt għal smiġh qabel l-adozzjoni ta' miżura individwali sfavorevoli ma ġiex irrispettat.

(4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' poter, peress li l-Parlament uża restrizzjonijiet finanzjarji sabiex jillimita l-mezzi ta' azzjoni ta' partit politiku li uħud mill-membri tiegħu ma jaqblux mal-ideali tiegħu.

#### Rikors ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2013 — AEMN vs Il-Parlament

(Kawża T-679/13)

(2014/C 85/36)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenzi: Alliance européenne des mouvements nationaux (AEMN) (Matzenheim, Franza) (rappreżentant: J. P. Le Moigne, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

#### Talbiet tar-rikorrenzi

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2013, ritraskritta parzjalment bid-deċiżjoni tal-14 ta' Ottubru 2013 u li stabbiliet l-allokazzjoni definittiva, mogħtija mill-Parlament Ewropew lill-Alliance Européenne des Mouvements Nationaux għas-sena 2012, għas-somma ta' EUR 186 292,12 u konsegwentement iddeċidiet li l-Alliance Européenne des Mouvements Nationaux għandha tirrimborsa s-somma ta' EUR 45 476,00 peress li somma

ta' EUR 231 412,80 diġà ngħatat lill-assoċjazzjoni rikorrenzi;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew li jħallas l-ispejjeż kollha u li jħallas għal dan il-għan somma ta' EUR 20 000,000 lill-Alliance Européenne des Mouvements Nationaux.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenzi tinvoka erba' motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-678/13, AEMN vs Il-Parlament.

#### Rikors ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2013 — Bilbaina de Alquitranes et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-689/13)

(2014/C 85/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenzi: Bilbaína de Alquitranes, SA (Luchana-Baracaldo, Vizcaya, Spanja); Deza, a.s. (Valašské Meziříčci, ir-Repubblika Ċeka); Industrial Química del Nalón, SA (Oviedo, Spanja); Koppers Denmark A/S (Nyborg, id-Danimarka); Koppers UK Ltd (Scunthorpe, ir-Renju Unit); Koppers Netherlands BV (Uithoorn, il-Pajjiżi l-Baxxi); Rütgers basic aromatics GmbH (Castrop-Rauxel, il-Ġermanja); Rütgers Belgium NV (Zelzate, il-Belġju); Rütgers Poland Sp. z o.o. (Kędzierzyn-Koźle, il-Polonja); Bawtry Carbon International Ltd (Doncaster, ir-Renju Unit); Grupo Ferroatlántica, SA (Madrid, Spanja); SGL Carbon GmbH (Meitingen, il-Ġermanja); SGL Carbon GmbH (Bad Godesburg, il-Ġermanja); SGL Carbon (Passy, Franza); SGL Carbon, SA (La Coruña, Spanja); SGL Carbon Polska S.A. (Raci-bórz, il-Polonja); u ThyssenKrupp Steel Europe AG (Duisburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: K. Van Maldegem u C. Mereu, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

— tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;

— tannulla l-att ikkontestat sa fejn dan jikklassifika CTPHT bħala H400 u H410;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorreni jitolbu l-annullament parzjali tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 944/2013, tat-2 ta' Ottubru 2013, li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (iktar 'il quddiem ir-“Regolament CLP”) (ĠU L 261, p. 5), sa fejn dan ikklassifika ż-żift tal-qatran tal-faħam b'temperatura għolja Nru<sup>o</sup>CAS 65996-93-2 (iktar 'il quddiem is-“CTPHT”) fil-kategoriji H400 (tossiċità akkwatika akuta 1) u H410 (tossiċità akkwatika kronika 1) (iktar 'il quddiem l-“att ikkontestat”).

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorreni jinvolkaw tlett motivi:

- (1) L-ewwel motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-att ikkontestat sa fejn dan tal-aħħar jikser id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti REACH u CLP dwar il-klassifikazzjoni tas-sustanzi abbażi tat-tossiċità tagħhom għall-ambjent akkwatiku u li jikkonċernaw l-istudji li għandhom jiġu aċċettati għal dan il-għan, u sa fejn l-att ikkontestat jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament peress li l-awtur tiegħu ċaħad l-istudji mwettqa b'mod konformi mal-linji gwida fuq l-applikazzjoni tar-regolament REACH u dawk tal-OECD u talab ittestjar li ma huwa bbażat fuq ebda metodu standardizzat aċċettat.
- (2) It-tieni motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-att ikkontestat sa fejn dan tal-aħħar huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni peress li l-awtur tiegħu ma kkunsidrax il-proprietajiet inerenti intrinżiċi tas-CTPHT li jammontaw b'mod partikolari għal varjabbli importanti fl-itestjar bid-dawl UV u fl-applikazzjoni tal-metodu tas-somma, huwa stabbilixxa l-fatturi M għall-kostitwenti PAH mingħajr eżami adegwat tal-istudji li għalihom irrefera u ċaħad l-informazzjoni fornuta mir-rikorreni mingħajr ġustifikazzjoni valida.
- (3) It-tielet motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-att ikkontestat sa fejn dan tal-aħħar kiser il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni tat-trasparenza u tad-drittijiet tad-difiża.

### Rikors ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2014 — Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-27/14)

(2014/C 85/38)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

### Partijiet

Rikorreni: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, J. Vláčil u T. Müller, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorreni

- tannulla s-sejħa tal-Kummissjoni Ewropea C(2013) 7221 finali, tal-4 ta' Novembru 2013 għall-irtirar tad-deċiżjoni tal-Ministeru tal-Kummerċ u tal-Industrija tar-Repubblika Ċeka li tagħti deroga, għall-faċilitajiet ta' ħażna tal-gass f'Dambořice, mir-regoli legali nazzjonali li jimplementaw id-Direttiva 2003/55/KE<sup>(1)</sup> dwar ir-regoli għall-aċċess ta' terzi u
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvolkaw żewġ motivi.

- (1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 266(1) TFUE
  - F'dan il-kuntest, ir-rikorreni ssostni li meta l-Kummissjoni adottat d-deċiżjoni kkontestata, hija aġixxiet b'mod li jmur manifestament kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Settembru 2013, Globula vs Il-Kummissjoni, T-465/11.
- (2) It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 22(4) tad-Direttiva 2003/55/KE
  - Permezz ta' dan il-motiv, ir-rikorreni ssostni li l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata wara l-iskadenza tat-terminu previst fl-Artikolu 22(4) tad-Direttiva 2003/55/KE.

(<sup>1</sup>) Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 230).

### Rikors ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2014 — Laverana vs UASI (BIO — INGRÉDIENTS VÉGÉTAUX — PROPRE FABRICATION)

(Kawża T-30/14)

(2014/C 85/39)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorreni: Laverana GmbH & Co. KG (Wennigsen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Wachinger u M. Zöbisch, avukati)